MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2011

Numru. 892/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Anthony Agius)**

**vs**

**Lorenzo Persiano**
**Tancred Mizzi**
**Frankie D' Amato**

**Kumpilazzjoni Numru 892/2011**

**Illum 3 t' Awwissu, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija

Lorenzo Persiano ta' 51 sena bin Vincent u Josephine nee' Incorvaja, imwieled Gzira fis-26 ta' April, 1960 u

residenti Block 1, Door 4, Flat 1 Bini tal-Gvern, Triq il-Gzira, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 318160M;

Tancred Mizzi ta' 59 sena bin missier mhux maghruf u Stella Mifsud nee' Mizzi, imwieled Pieta fit-3 ta' Lulju, 1952 u residenti gewwa 21 Triq Hompesch Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 521552M;

Frankie D' Amato ta' 36 sena, bin John u Jane nee' Bugeja, imwieled Pieta' fil-25 ta' Lulju, 1975 u residenti gewwa 20 Triq San Klement, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 367275M

Akkuzati talli:

B' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe'

Bejn ix-xhur ta' Frar 2011 u l-1 t' Awissu, 2011 assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

Talli nhar l-1 ta' Awwissu, 2011, ghall-habta tas-18:30 ta' filghaxija, ikkommettew serq ta' fuel mill-pompa tal-petrol gewwa l-Mechanical Transport Garage il-Floriana, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u u bil-lok u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

U aktar talli fix-xhur bejn Frar U Awwissu 2011, f' dati differenti mid-data mmedjatament hawn fuq imsemmija, ikkommettew serq ta' fuel mill-pompa tal-petrol gewwa l-Mechanical Transport Garage il-Floriana, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

U aktar talli wettqu dawn ir-reati meta huma ufficjali jew impjegati pubblici u meta huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxi.

Rat l-artikoli 48A, 141, 261(d)(e), 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat id-dokoumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qprti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati lui taghhom qed jinstabu hatja l-imputati kif ukoll l-koperazzjoni taghhom f’l-investigazzjoni, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-volonta taghhom li jirrifondu lill-Korp l-valur tal-petrol misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 48A, 141, 261(d)(e), 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi żmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------